MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 104/2004

**Avviz numru 104/04DM**

**Elbros Concrete Limited**

**Vs**

**Nicholas Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf hames mija, disa’ u erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1,549.63) rapprezentanti prezz ta’ materjal ta’ kostruzzjoni mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax komprizi l-ispejjes tal-mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li semghet il-provi prodotti mill-atturi ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.
Ghaldaqstant qeghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf, hames mija, disa’ u erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1,549.63) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mit-18 ta’ Frar, 2004.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------